13 ta' April, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Agius Fernandez et. *versus* Avukat Dr. Filippo Nicolò Butigieg

**Danni — Preskrizzjoni — Avukat — Mandat.**

*Għall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni, jiġifieri:— Danni "ex delicto" (f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hija dik tal-preskrizzjoni kriminali); danni li ġejjin minn "colpa aquiliana", jew extra-kontrattwali*

*(fejn il-preskrizzjoni hija ta' sentejn), u danni kontrattwali, jiġifieri li ġejjin minn inadempjenza kontrattwali (f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin).*

*Ir-relazzjonijiet ta' l-avukat u l-klijent jirrivestu n-natura tal-mandat; u għalhekk il-preskrizzjoni applikabili fil-każ ta' azzjoni ta' danni kontra l-avukat hija dik ta' ħames snin, jiġifieri dik ta' l-obligazzjoni li tiġi mill-kuntratt ta' mandat li interċeda bejn l-avukat u l-klijent.*

*Il-preskrizzjoni estintiva, bħal ma hija dik li tolqot l-azzjoni għad-danni tal-klijent kontra l-avukat, ma tistax tibda tgħaddi qabel ma tinħoloq l-azzjoni li trid tiġi kolpita biha.*

*Għaldaqstant dik l-azzjoni ma tiġix estinta qabel jgħaddu ħames snin minn meta javvera ruħu l-fatt li minħabba fih il-klijent jippretendi d-danni kontra l-avukat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi, *fuq parir tal-konvenut* bħala konsulent legali tagħhom, l-instanti Agius Fernandez u l-imsemmi Borg, missier u awtur ta' l-instanti l-oħra Fiorini, kienu silfu lil Giuseppina mart Carmelo Mifsud, il-lum mejta, bil-garanzija ta' dan żewġha, il-kapitali speċifikati fil-kuntratti hawn taħt indikati, li tagħhom tinsab kopja legali annessa ma' l-atti tal-Konkors tal-Kredituri ta' Carmelo Mifsud, deċiż mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fil-11 ta' Marzu 1938—kuntratti li għalihom issir umili riferenza; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu 1948, riformata fl-Appell b'sentenza tal-15 ta' Novembru 1949, l-instanti, wara l-pagamenti li ġew dikjarati li rċevew akkont tal-krediti rispettivi, kien fadlilhom jieħdu, l-attriċi Maria Rosa Fiorini l-kapitali ta' £19. 8. 0, ta' £394. 8. 9½, u ta' £456. 9. 5½, dovuti in forza ta' tliet kuntratti publikati min-Nutar Oscar Azzopardi fit-2 ta' Marzu 1929, fit-3 ta' Novembru 1930, u fl-1 ta' Marzu 1932, rispettivament, u l-instanti Agius Fernandez it-tliet kapitali ta' £299. 7. 5, ta £415. 7. 7, u ta' £224. 2. 6, dovuti in forza ta' tliet kuntratti fl-atti ta' l-istess Nutar tat-2 ta' Marzu 1929, tat-3 ta' Novembru 1930, u tal-11 ta' Ottubru 1933, rispettivament — il-kapitali kollha bil-lukri tat-3% fis-sena sa l-4 ta' Ottubru 1944, kif ridotti *b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-5 ta' April 1941* eżibit fil-kawża "Agius Fernandez versus Mifsud", deċiża fl-

Appell fil-15 ta' Novembru 1948 (li għalih issir umili riferenza) (Dok. A u B), salvi l-lukri ulterjuri; u illi l-instanti għandhom jieħdu wkoll xi ammonti oħra in linea ta' rifużjoni ta' spejjeż ġudizzjarji li jirriżultaw fit-trattazzjoni; u illi, fuq domanda analoga għall-odjerna, avanzata mill-instanti "Agius Fernandez u min-nominat Giuseppe Nicolò Borg et. vs. Avukat Dr. Filippo Nicolò Butigieg" dina l-Qorti, bi pronunzja tal-10 ta' Novembru 1939, illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, li ġie dikjarat intempestiv peress illi l-istess ġudizzju messu kien preċedut mill-prova, magħmula bl-opportuna proċedura; illi d-domandanti ġew preġudikati b'dak il-konsult tal-konvenut billi nstabu fl-impossibilità illi jdaħħlu l-kreditu rispettiv; u illi d-domandanti, wara li eskutew in-nominat Carmelo Mifsud, li bħala uniku eredi ta' martu ġabar il-ġid kollu tagħha, jinsabu fl-impossibilità li jdaħħlu l-krediti rispettivi; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi dikjarat responsabili għad-danni li huma sofrew u għad iridu jsofru bħala konsegwenza tal-konsult fuq imsemmi; u l-istess konvenut jiġi kundannat jirrifondilhom dawk id-danni, li għandhom jiġu likwidati, anki per mezz ta' periti. Bil-lukri legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, in meritu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Illi l-konvenut jissottometti illi l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta fit-termini tad-dispożizzjoni ta' l-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri bl-għeluq ta' sentejn, billi jallega illi kwalunkwe ħsara li l-atturi talvolta setgħu sofrew għar-raġunijiet miġjuba fiċ-ċitazzjoni ma ġietx kaġunata b'reat, u lanqas b'fatt kontrattwali; u dawk is-sentejn għandhom jiddekorru mill-ġurnata meta l-ħsara ġiet kaġunata, jiġifieri minn meta, kif jallegaw l-atturi, huwa ta l-konsult tiegħu ħażin. L-atturi jissottomettu illi l-azzjoni odjerna tagħhom hija dik tar-riżarċiment ta' danni derivanti minn obligazzjoni kontrattwali, jew mill-kuntratt tal-mandat li nterċeda bejnhom u l-konvenut, u l-preskrizzjoni li tolqot din l-azzjoni għad-danni mhijiex dik kontemplata fl-art. 2258 ġà msemmi, invokat mill-konvenut, imma dik li tidderiva mill-kuntratt speċifiku, jiġifieri mill-

kuntratt ta' mandat. Barra minn dan, l-atturi jissottomettu wkoll illi kwalunkwe preskrizzjoni li tista' tiġi nvokata mill-konvenut baqgħet sospiża sakemm ma vverifikatx ruħha l-kondizzjoni tad-danni li huma sofrew, u din il-verifikazzjoni saret effettiva biss meta huma ppruvaw l-insolvenza tad-debitur Carmelo Mifsud—liema prova saret kompleta fl-14 ta' April 1950;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwelnett irid jiġi eżaminat jekk l-azzjoni odjerna għad-danni tidderivax minn kuntratt ta' mandat, kif jissottomettu l-atturi, jew inkella minn fatt illeċitu, imma mhux kontrattwali, tal-konvenut, kif dan jallega; u dan biex jiġi stabbilit liema hija l-preskrizzjoni applikabili f'dan il-każ. Hu magħruf illi għall-finijiet tal-preskrizzjoni l-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni, jiġifieri danni "ex delicto", f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hija dik tal-liġi kriminali (art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili), id-danni li ġejjin minn "colpa aquiliana" jew "extra kontrattwali", jiġifieri li ġejjin minn fatti li m'humiex reati u lanqas minn inadempjenza ta' kuntratt, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn (art. 2258 Kodiċi Ċivili), u d-danni kontrattwali, jiġifieri dawk li ġejjin minn inadempjenza kontrattwali, f'liema każ mhijiex applikabili l-preskrizzjoni ta' l-art. 2258 fuq imsemmi, imma dik ta' l-istess obligazzjoni (Kollez. Vol. XXIX—II—581). L-atturi jallegaw illi f'dan il-każ id-danni ġejjin minn inadempjenza kontrattwali, billi bejnhom u l-konvenut, bħala konsulent legali tagħhom, kien interċeda kuntratt ta' mandat. Jinsab assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna illi r-relazzjonijiet bejn l-avukat u l-klijent tiegħu jirrivestu n-natura tal-mandat (Kollez. Vol. XXIX—II—328); u għalhekk il-preskrizzjoni applikabili f'dan il-każ hija dik ta' l-istess obligazzjoni bejn il-kontendenti, jiġifieri tal-kuntratt tal-mandat li nterċieda bejniethom, jew fiż-żmien ta' ħames snin (Kollez. Vol. XXXIII—I—695);

Illi skond id-dokumenti fil-fol. 31 u 32 tal-proċess, jidher illi l-atturi ilhom jippretendu minn għand il-konvenut id-danni msemmija fiċ-ċitazzjoni almenu sa minn Ottubru 1935; u għalhekk jidher ukoll illi l-azzjoni tagħhom tinsab preskritta, għaliex minn Ottubru 1935 sa meta ntavolaw l-azzjoni odjer-

na, jiġifieri fit-3 ta' Novembru 1951, għaddew aktar minn ħames snin. Però jirriżulta illi fil-11 ta' Jannar 1939 l-atturi ntentaw kontra l-konvenut azzjoni pjuttost identika għal dik f'din il-kawża, u fuq eċċezzjoni analoga tal-konvenut dina l-Qorti, fl-10 ta' Novembru 1939, illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, billi ddeċediet illi d-domanda ta' l-atturi magħmula b'din il-kawża kienet intempestiva, għaliex huma, qabel għamluha, kien messhom eskutew is-sostanzi kollha li kien għad fadlilhom id-debituri tagħhom, il-miżżewġin Mifsud, biex jikkonstataw jekk u f'kemm setgħu jitħallsu tal-krediti tagħhom. Għalhekk l-atturi jissottomettu illi huma eżerċitaw l-azzjoni tagħhom fit-terminu, u kwalunkwe preskrizzjoni għall-azzjoni tagħhom b'dik id-deċiżjoni ġiet sospiża sakemm saret minnhom dik l-eskussjoni;

Mingħajr ma tidħol fil-meritu tad-diversi kwistjonijiet li nqalgħu fuq dan il-pont, dawk, jiġifieri, jekk il-preskrizzjoni ġietx jew le sospiża, jew ġietx jew le interrotta, jew għandhiex tiddekorri minn meta l-konvenut ikkommetta l-att li bih effettivament irrenda ruħu responsabili għad-danni allegati mill-atturi, jew minn meta dawn ġew f'konjizzjoni ta' dawk id-danni—kwistjonijiet kollha li jidħru f'din il-kawża ta' natura merament akkademika, għar-raġunijiet li jissemmew aktar 'il-quddiem—dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut mhijiex sostenibili;

Illi, infatti, il-preskrizzjoni opposta mill-konvenut hija dik *estintiva*, u, kif inhu magħruf, il-preskrizzjoni estintiva, jew liberatorja, hija l-*mod estintiv ta' azzjoni* jew il-*mezz ta' liberazzjoni minn azzjoni*, meta l-kreditur jew, bi frażi iżjed ġenerali, dak li lilu kienet tikkompeti l-azzjoni, ma jeżerċitax *id-dritt tiegħu għal żmien determinat mill-liġi* (art. 2212 (2) Kod. Ċiv.). Il-fondament tal-preskrizzjoni estintiva, bħal dak tal-preskrizzjoni akkwiżitiva, hu l-interess li jitqiegħed tmiem għall-proponibilità *ta' l-azzjoni*, biex l-*istat ġuridiku ta' l-affarijiet* li jkun eżista għal ħafna żmien ma jkunx jista' jiġi skonvolt *mill-eżerċizzju* tardiv ta' l-azzjoni. Għalhekk, biex jista' jkun *hemm lok għal din il-preskrizzjoni estintiva*, jeħtieġ illi, bħala l-ewwel rekwiżit, ikun hemm azzjoni. **Hekk**, fis-sistema ta' Giustiniano kien meħtieġ, bħala l-ewwel rekwi-

żit ġenerali ta' din il-preskrizzjoni, illi jkun hemm l-"actio nata", jiġifieri l-preskrizzjoni ma kienetx tista' tibda qabel ma kienet tkun twieldet l-azzjoni li ġiet kolpita biha (L. 3 D. de praesc. 30 vel 40 annor., 7, 39). U dak ir-rekwiżit baqa' jiġi rikjest, u bir-raġun, mid-dottrina; il-preskrizzjoni estintiva ma tistax tibda qabel ma jkun hemm id-dritt kapaċi li jiġi eżerċitat (Pugliese, La Prescrizione Estintiva, para. 19); il-preskrizzjoni estintiva tibda biss meta jitwieled id-dritt jew l-azzjoni li hija għandha testingwi (Baudry-Lacantinerie, Prescrizione, para. 364). U l-istess haġa jgħallem Laurent (Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 15);

Issa, kif ġà ngħad, l-azzjoni ta' l-atturi twieldet u bdiet minn meta huma eskutew is-sustanzi tad-debituri miżżewġin Mifsud, konformement għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti fuq imsemmija; liema eskussjoni spiċċat, kif ġie pruvat, fl-14 ta' April 1950, b'eżitu sfavorevoli għall-atturi. Qabel din l-eskussjoni dawn kien għad ma għandhomx azzjoni kontra l-konvenut, skond kif ġie deċiż b'dik is-sentenza; u minn dik id-data, li minnha għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni, sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni f'din il-kawża. għad ma għaddewx ħames snin, li hu ż-żmien tal-preskrizzjoni applikabili fil-każ in eżami, kif issemma aktar il-fuq. U kien għal dawn ir-raġunijiet li aktar il-fuq intqal li l-kwistjonijiet li nqalgħu kienu kollha, għall-każ in eżami, ta' natura prettament akkademika; għaliex il-kwistjonijiet ta' interruzzjoni jew ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni jistgħu jinħolqu biss jekk u meta jkun ġà għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, u jkun irid jiġi ndagat jekk dik il-preskrizzjoni kienetx ġiet interrotta jew sospiża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża "sine die" għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu, wara li din id-deċiżjoni tkun għaddiet f'ġudikat.